

## IL-QORTI ĠENERALI

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Diċembru 2013 — Berliner Institut für Vergleichende Sozialforschung vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-171/08) <sup>(1)</sup>

(“Fondi Ewropej għar-refuġjati — Azzjoni ta' sensibilizzazzjoni u ta' tixrid ta' informazzjoni dwar ir-refuġjati vittmi ta' trawma psikoloġika — Proġett 'Refuġjati trawmatizzati fl-Unjoni: istituzzjonijiet, mekkaniżmi ta' protezzjoni u Prattika tajba' — Ħlas tal-bilanċ — Obbligu ta' motivazzjoni — Prinċipju ta' amminitrazzjoni tajba — Żball ta' evalwazzjoni”)

(2014/C 39/24)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

### Partijiet

**Rikorrenti:** Berliner Institut für Vergleichende Sozialforschung eV (Berlin, il-Ġermanja) (rappreżentanti: inizjalment U. Claus, sussegwentement C. Otto, S. Reichmann u L.-J. Schmidt, avukati)

**Konvenuta:** Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment S. Grünheid u B. Simon, sussegwentement S. Grünheid, aġenti)

### Suġġett

Annulament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, li tinsab fl-ittra tas-7 ta' Marzu 2008, dwar in-nuqqas ta' rikonoxximent parzjali tal-ispejjeż sostnuti mir-rikorrenti fil-kuntest tal-kuntratt ta' sussidju JAI/2004/ERF/073, dwar finanzjament Komunitarju ta' azzjoni ta' sensibilizzazzjoni u ta' tixrid ta' informazzjoni dwar ir-refuġjati vittmi ta' trawma psikoloġika.

### Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Berliner Institut für Vergleichende Sozialforschung eV hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 171, 05.07.2008.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Diċembru 2013 — HSE vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-399/09) <sup>(1)</sup>

(“Kompetizzjoni — Akkordji — Suq tal-karbur tal-kalċju u tal-manjeżju intiżi għall-industrija tal-azzar u tal-gass fiż-ŻEE, bl-eċċezzjoni tal-Irlanda, ta' Spanja, tal-Portugall u tar-Renju Unit — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Iffissar tal-prezzijiet u tqassim tas-suq — Imputabbiltà tal-aġir li jikkostitwixxi ksur — Preżunzjoni tal-innoċenza — Multi — Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 — Linji gwida għall-kalkolu tal-ammont tal-multi għall-2006 — Ċirkustanzi attenwanti — Ksur imwettaq minħabba negliġenza — Ksur awtorizzat jew imħeġġeġ minn awtoritajiet pubbliċi”)

(2014/C 39/25)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

**Rikorrenti:** Holding Slovenske elektrarne d.o.o. (HSE) (Ljubljana, is-Slovenja) (rappreżentant: F. Urlesberger, avukat)

**Konvenuta:** Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment J. Bourke u N. von Lingen, sussegwentement N. von Lingen u R. Sauer, aġenti)

### Suġġett

Talba għall-annulament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 5791 finali, tat-22 ta' Lulju 2009, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/39.396 — Karbur tal-Kalċju u rijaġenti bbażati fuq il-manjeżju għall-industrija tal-azzar u tal-gass), sa fejn tikkonċerna lir-rikorrenti, kif ukoll, sussidjarjament, talba għal tnaqqis tal-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti permezz tal-imsem-mija deċiżjoni.

### Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Holding Slovenske elektrarne d.o.o. (HSE) għandha tbat, barra l-ispejjeż tagħha stess, daww tal-Kummissjoni Ewropea.

<sup>(1)</sup> ĠU C 312, 19.12.2009.